**9 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Michele Vella**

*versus*

**Carmelo Vella et.**

**Akkrexximent — Art. 775 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-bażi prinċipali tad-dritt ta' akkrexximent hija l-intenzjoni ta' min jagħmel it-testment; u din l-intezjoni, skond l-aħjar dottrina u loġika ġuridika, tiddeżumi ruħha mill-istituzzjoni primittiva kontenuta fl-istess dispożizzjoni jew vokazzjoni, li tkun konġuntament u kumulattivament tgħajjat lid-diversi istitwiti għall-istess eredità, jew, fil-każ ta' legati, lill-kollegatarji għall-istess ħaġa legata.*

*Għall-operazzjoni tad-dritt ta' akkrexximent il-liġi tirrikjedi (a) li l-istituzzjoni jew il-legat ikunu ġew magħmula konġuntament, (b) li l-istess istituzzjoni jew legat ikunu jiddependu mill-istess dispożizzjoni, ċjoè l-istess vokazzjoni, (c) u li t-testatur ma jkunx assenja l-parti jew qassam is-sehem ta' kull werriet jew legatarju fil-ħaġa mħollija. Il-kliem biss "f'partijiet indaqs", jew "f'ismha ndaqs", ma jneħħux il-jedd tal-akkrexximent.*

*B'mod li, jekk il-persuni istitwiti eredi fi kwoti ndaqs bejniethom fl-istess dispożizzjoni jkunu ħamsa, u wieħed minnhom imut qabel it-testatur, hemm lok għad-dritt tal-akkrexximent favur l-erbgħa l-oħra li jissopravvivu lit-testatur, avvolja dan, wara li jkun semma li l-eredità tiegħu għandha tinqasam bejniethom fi kwoti ndaqs, iżid il-kliem "fi kwinta parti" kull wieħed; u hekk l-eredità tinqasam fi kwoti ndaqs bejn l-erbgħa li jkunu għadhom ħajjin meta jmut it-testatur*

*Il-Qorti:—* Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, billi Caterina Barbara mietet fit-28 ta' April 1954 (dok. A), testata in atti Giovanni Azzopardi tal-20 ta' Diċembru 1932 u tal-21 ta' Marzu 1935 (dok. B. u C.), fejn innominat

lill-kontendenti bħala eredi universali tagħha; u billi d-decujus ħalliet il-beni mmobili u mobili li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u billi l-attur ma jridx jibqa' in komunjoni mal-konvenuti; talab (1) li jiġi likwidat l-assi tad-deċujus, billi jiġi dikjarat jikkonsisti fil-beni mobili u immobili li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (2) dan l-assi jiġi diviż f'erbgħa porzjonijiet indaqs, li jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-erbgħa kontendenti; (3) jiġu nominati nutar għall-publikazzjoni tal-att tad-diviżjoni u assenjazzjoni, kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi f'dak l-att, u, okkorrendo, periti biex ilestu l-likwidazzjoni tal-assi u pjan ta' qasma; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi qabel xejn huwa tajjeb li jiġi premess illi:—

Id-decujus għamlet żewġ testmenti sabiex jirregolaw is-suċċessjoni tagħha, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi . . . . Minn dawn iż-żewġ testmenti kombinati flimkien jirriżulta (a) li d-decujus istitwiet finalment, fit-tieni testment, bħala eredi universali proprijetarji u padruni assoluti, in parti u porzjoni ugwali, lil Carmelo, Michele, Antonia u Giuseppe, aħwa Vella, ulied il-mejjet Rosario, u lil Giuseppe Desira, bin Vincenzo u Angela miżżewġin Desira, u dan "in ragion di un quinto ciascuno", bla ma għamlet ebda sostituzzjoni volgari fil-każ ta' premorjenza ta' xi wieħed jew waħda mill-eredi tagħha, u (b) inoltre kienet istitwiet lill-oħtha xebba Angela Barbara bħala legatarja użufruttwarja tal-assi tagħha fl-ewwel testment tagħha (ara art. 6 fol. 8 tergo), u kkonfermat dak l-istess artikolu fit-tieni testment tagħha; imma l-imsemmija Angela xebba Barbara mietet qabel id-decujus. Jingħad ukoll li waħda mill-eredi istitwiti, u ċjoè Antonia Vella, li kienet taħbat prima kuġina tat-testatriċi bħal ma huma xi wħud mill-eredi l-oħra, u li kienet miżżewġa bit-tfal, mietet ukoll qabel id-decujus; imma, peress li fit-tavoli testamentarji tal-istess

decujus ma kienetx mañsuba s-sostituzzjoni volgari, it-tfal tal-istess Antonia Vella ma jistgħux jidħlu biex jieħdu in rappreżentanza s-sehem *li kien imiss lill-ommhom kieku baqgħet* tissopravvivi lit-testatriċi (ara art. 782(1) u 839 tal-Kodiċi Ċivili kombinati flimkien);

In kwantu għas-sehem li kien ikun imiss lil Antonia Vella, il-perit legali, wara li ċċita l-art. 774 tal-Kap. 23, ġie għall-konklużjoni li l-istess kellu jmur jakkrexxi, ugwalment bejniethom, il-wirt tal-eredi l-oħra kjamati mit-testatriċi, u li huma l-kontendenti. Kontra din il-konklużjoni talperit legali l-konvenuti, bin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom tat-28 ta' Novembru 1961, *sabu eċċezzjoni, billi qalu* li skond it-testment tad-decujus in atti Giovanni Azzopardi tal-21 ta' Marzu 1935 (dok. B) l-istess testatriċi istitwiet bħala eredi universali fi kwinta parti kull wieħed lill-persuni msemmija f'dak l-att tal-aħħar volontà, fosthom Antonia Vella, b'mod li, meta ġiet nieqsa d-decujus, peress li Antonia Vella, mietet qabilha u kienet kjamata għall-eredità fi kwint, dan is-sehem ma għandux jakkrexxi l-laxxitu taleredi l-oħra kjamati, imma jgħaddi lill-persuni msejħa għall-eredità tad-decujus skond l-art. 778 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoè għall-eredi *leġittimi tat-testatriċi kjamati "ab intestato"*, li fosthom, fil-każ in diżamina, hemm inklużi x'uħud mill-eredi ntestati u hemm esklużi xi wħud mill-eredi testati;

Illi għal din il-kontestazzjoni konvenuta, li verament timmerita serju eżami, u li ma ġietx qatt miġjuba l-quddiem ħlief wara li kienet preżentata r-relazzjoni peritali, din il-Qorti tħoss li għandha tgħid illi:—

L-ewwelnett, huwa mportanti *li tiġi traskritta "verbatim"* u eżaminata d-dispożizzjoni testamentarja in kwistjoni, l-għaliex l-interpretazzjoni tagħha u l-penetrazzjoni tal-volontà tat-testatriċi jiddependu mill-eżatta, minuta u attenta diżamina tal-konċezzjoni tagħha. Id-dispożizzjoni in kontestazzjoni ġiet hekk testwalment imniżżla fl-aħħar testment tad- decujus:— "In quarto luogo, la prefata testatrice Caterina Barbara revoca ed annulla per intero l'articolo decimo, cioè tutto il contenuto dello stesso, come se non fosse stato mai fatto (din ir-revoka, mill-kumpless tal-

att, tirrigwarda l-art. 10 tal-ewwel testment), ed invece essa testatrice istituisce e nomina per suoi eredi universali proprietari e padroni assoluti, in parti e porzioni uguali, i figli dell'in oggi defunto Rosario Vella, che si chiamano Carmelo, Michele, Antonia, e Giuseppa germani Vella, e Giuseppe Desira *figlio di Vincenzo* ed Angela *coniugi* Desira; e ciò in ragion di un quinto ciascuno";

Illi l-bażi prinċipali tad-dritt tal-akkrexximent hija l-intenzjoni ta' min jagħmel it-testment. Din l-intenzjoni tat-testatriċi jew testatur li jkun, tiddeduċi ruħha, skond l-aħjar dottrina u loġika ġuridika, mill-istituzzjoni primittiva kontenuta fl-istess dispożizzjoni jew vokazzjoni *li* tkun konġuntament u kumulattivament tgħajjat jew issejjaħ lid-diversi istitwiti għall-istess eredità, jew, fil-każ ta' legati, lill-kollegatarji għall-istess ħaġa legata. Wieħed, kwindi, irid jara jekk it-testatur iffissax il-kwoti jew partijiet għax hekk ried b'diżinn espress jagħmel sabiex tkun eżegwita l-*volontà tiegħu, jew inkella ma jkunx għamel u semma'* dawk il-kwoti bħala ndikazzjoni jew espressjoni konsegwenzjali u naturali tad-diviżjoni li tkun titnissel mid-dispożizzjoni prinċipali li huwa jkun iddetta. Issa meta t-testatur ried li l-eredi nominati flimkien (kunġunti) jirtuh fi kwoti ugwali jekk għal xi raġuni wieħed mill-kjamati ma jistgħax jippartecipa, dik l-ugwaljanza fil-ħaġa ntellettwali mħollija għandha tibqa', l-għaliex *imposta mill-istituzzjoni; u jekk* għandha tibqa', tabilfors li għandu jkun hemm l-akkrexximent bejn dawk li jibqgħu, l-għaliex, jekk ma jkunx hemm dak l-akkrexximent, ma jkunx hemm bejn dawk li huma kjamati u jistgħu jieħdu dak li huma kjamati għalieh l-ugwaljanza fit-totalità (il-"quid unum") imħollija. Jekk però l-*attribuzzjoni* ta' partijiet tkun, anzikkè spjegazzjoni tad-dispożizzjoni prinċipali u primittiva, fiha nnfusha u "per sè" ntiża li tkun l-istuzzjoni jew vokazzjoni istituttiva prinċipali, allura ndubbjament il-manifestazzjoni tal-volontà tat-testatur tkun kjarament indikattiva tal-esklużjoni tad-dritt tal-akkrexximent l-għaliex allura t-testatur għall-kwota menzjonata jkun irid jistitwihom eredi jew kollegatarji u jekk jonqos wieħed minnhom, jew għal xi raġuni ma jistgħax jaċċetta, u huma jakkrexxu bil-kwota dekaduta il-kwota tagħhom, huma jkunu qegħdin jieħdu aktar minn

dak li t-testatur ikun ħallielhom, għax it-testatur ma jkunx ordna l-ugwaljanza;

Illi l-art. 775 tal-Kodiċi Ċivili jirrikjedi, għall-operazzjoni tad-dritt tal-akkrexximent, li (a) l-istituzzjoni jew il-legat ikunu ġew magħmula konġuntament, (b) li l-istess istituzzjoni jew legat ikunu jiddependu mill-istess dispożizzjoni ("una sola e medesima dispozizione"), u ċjoè l-istess vokazzjoni, (c) u li t-testatur ma jkunx assenja l-parti jew qassam is-sehem ta' kull werriet jew legatarju fil-ħaġa mħollija. L-istess dispożizzjoni tal-liġi tkompli tiddisponi u tfisser li jitqies li hemm tqassim tal-ishma fil-każ biss li t-testatur ikun semma' espressament liema għandu jkun is-sehem ta' kull wieħed. Il-kelmiet biss "f'partijiet indaqs", jew "f'ismha ndaqs", ma jneħħux il-jedd tal-akkrexximent. Dan l-aħħar subinċiż tal-liġi jiċċara l-aħħar rekwiżit tal-art. 775 tal-Kodiċi Ċivili, u jaqbel ma' dak li kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti qabel ma niżżlet l-ingredjenti ta' dik l-istess dispożizzjoni, l-għaliex jagħmel id-differenza bejn istituzzjoni jew legat konġuntivi magħmula fl-istess vokazzjoni testamentarja f'ishma ndaqs jew f'partijiet indaqs bħala propożizzjoni prinċipali, fejn id-dritt tal-akkrexximent huwa skond il-preżunzjoni tal-liġi ammess in kuntrast għall-istituzzjoni jew laxxitu ta' legat konġuntivi bl-istess dispożizzjoni testamentarja, imma bl-assenjazzjoni ta' partijiet b'mod ta' propożizzjoni prinċipali, li jimpurtaw il-preżunta ntenzjoni tal-esklużjoni tad-dritt ta' akkrexximent fil-każ li wieħed mill-eredi jew kollegatarji jippremori għad-decujus, jew jirrifjuta l-laxxitu, jew ikun inkapaċi li jaċċetta, jew fi kwalunkwe każ ta' kaduċitajiet oħra;

Illi, applikata l-liġi u d-dottrina "in subjecta materia" għall-każ konkret, li din il-Qorti hija msejħa teżamina u tiddeċidi, jingħad li fid-dispożizzjoni in diskussjoni t-testatriċi, fl-istituzzjoni minnha magħmula, qalet u riedet li jkunu istitwiti u nominati bħala eredi tagħha universali, proprijetarji u padruni assoluti, f'partijiet u porzjonijiet ugwali, il-persuni minnha kjamati, u din il-vokazzjoni istiwita hija ndubbjament il-vera u proprija istituzzjoni primarja u prinċipali ta' dik l-istess dispożizzjoni. Minnha jidher, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, illi t-testatriċi ma riedetx

tagħmel attribuzzjonijiet distinti ta' partijiet bħala bażi ta' dispożizzjoni tat-totalità tal-patrimonju tagħha favur l-eredi konġuntivi, imma peress li l-persuni kjamati kienu ħamsa, wara li istitwiethom flimkien eredi bil-formula menzjonata, qalet li dak li ħalliet iridu jikkonkorru għalieh fi kwint kull wieħed, u ċjoè "Partes autem concursus fieri" tal-Liġi Rumana (ara L.80 D. de legat, 3); l-għaliex għal daqshekk tammonta d-diċitura wżata. Din id-diċitura li tiġi wara l-formula fuq espressa, użata fl-istituzzjoni, tammonta sempliċement u naturalment għall-konsegwenza tal-qasma tat-totalità, jew aħjar hija ndikazzjoni tal-konkors "in ugwaljanza" voluta fl-istess dispożizzjoni prinċipali, fejn il-formula wżata, skond il-liġi, tammetti d-dritt tal-akkrexximent. Eugenio jgħid (fuq il-Liġi 16 Digest, de legat, 1):— "Videlicet si data opera eos conjunxit; non etiam ut compendium orationi afferret". Fi kliem ieħor, l-assenjazzjoni hija l-mod ta' eżekuzzjoni, u mhux imposta fuq l-istituzzjoni jew dispożizzjoni. Kieku t-testatriċi qalet li "tistitwixxi u tinnomina eċċ." lill-eredi li ġew konġuntament kumulattivament imsejħa fit-testment "fi kwinta parti kull wieħed", allura l-istituzzjoni primarja u prinċipali kienet tkun ġiet magħmula espressament b'assenjazzjoni ta' kwoti jew partijiet, u l-konvenuti kien ikollhom raġun isostnu t-teżi li avanzaw fin-nota tagħhom tal-osservazzjonijiet; imma t-testatriċi mhux hekk iddisponiet, imma l-ewwel, fl-istess vokazzjoni jew dispożizzjoni istitwiethom eredi assoluti universali f'partijiet u porzjonijiet ugwali; liema formula timporta l-ammissjoni tad-dritt ta' akkrexximent; u mbagħad indikativament, dak li naturalment kien jitnissel, qalet li din it-totalità li ħallietilhom konġuntament, għarraġuni tal-qasma li hija l-mod tal-eżekuzzjoni naturali, "ex necessitate" kellha tittieħed kwint kull wieħed;

*Illi* kwindi, fil-każ in diżamina, din il-Qorti tippropendi għat-teżi tal-ammissjoni tad-dritt tal-akkrexximent bejn l-eredi li għexu aktar mid-decujus dwar dik il-"qualibet parte" li Antonia Vella ma setgħetx tikkonkorri għaliha, billi ġiet nieqsa qabel id-decujus;

Illi għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża, din il-Qorti tannetti n-nota Dok. A ma' din id-deċiżjoni in sostenn tat-teżi minnha abbraċċjata;

2. Miż-żewġ testmenti kombinati flimkien jirriżulta wkoll illi:—

*Omissis;*

Illi, kwindi, il-kalkolu approssimattiv għall-fini tal-likwidazzjoni, li għamel il-perit legali, ta' £216, jista' jimxi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, premess dan li fuq intqal, din il-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni mitluba;

*Omissis;*

Illi, in konsegwenza, dan l-attiv nett ta' £466, maqsum f'erbgħa porzjonijiet, jagħti bħala riżultat li kull wieħed u waħda mill-eredi tad-decujus għandu jmissu £116. 10. 0d. salv dak li sejjer jingħad dwar it-taxxa tas-suċċessjoni . . .

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi billi tillikwida l-assi tad-decujus, li jikkonsisti f'dak li ntqal fil-korp ta' din is-sentenza, għall-ammont ta' £466 . . . . ; tordna li dan l-assi ta' attiv nett jiġi diviż f'erbgħa porzjonijiet, b'mod li kull porzjoni ndividwa għandha tkun ta' £116.10. 0d. u tassenja lil kull wieħed u waħda mill-kontendenti l-flus u parti ndividwa tal-fond rustiku msemmi fil-paragrafi anteċedenti għal din id-deċiżjoni; u peress li l-fond numru 53 (ġa 52) Trieq Sant'Anġlu, Żejtun, mhux komodament u bla diskapitu diviżibbli, tordna l-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni . . . . . ; u għall-finijiet tal-publikazzjoni tal-att ta' likwidazzjoni u qasma parzjali preventiva qabel l-att definittiv, skond il-każ kif jagħżlu l-kontendenti, tinnomina . . . . L-ispejjeż jinġabru u jitħallsu skond ir-rispettivi kwoti tal-kontendenti.